SEGRETARJAT EDUKAZZJONI NISRANIJA

30, Binja Josmar,
Triq Idmejda, Ħal Balzan, BZN 1521, Malta
Tel: +356 22039360
www.csm.edu.mt

# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fl-Ewwel Sena Primarja

F'Novembru 2022 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għas-sena skolastika 2023-2024. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għall-Ewwel Sena Primarja.

## Subien tal-Ewwel Sena Primarja Mainstream

Ninfurmawkom li wara li ġie konkluż it-transfer ta' tfal mill-Kindergartens ta' St. Francis għall-Primarji ta' St. Francis jirriżulta li għandna total ta' tletin post vakanti fil-primarji ta' St. Francis ta' Bormla u tal-Imsida. Dawn jiżdiedu mal-postijiet vakanti mainstream.

It-total ta' postijiet mainstream imħabbra fir-Regolamenti huwa ta' 325. Però fi skola partikulari tnaqqas post mill-mainstream u żdied mal-każijiet serji, waqt li fi skola oħra post vakanti għas-subien inqaleb għal-bniet. Għalhekk b'dawn l-aġġustamenti t-total ta' postijiet vakanti mainstream jiġi tlett mija u tlieta u ħamsin (325+30-2=353) post.

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| ***Kriterju*** | | **Applikanti** |
|---|---|---|
| *1b* | *Tfal tal-Impjegati fl-istess skola* | 33 |
| *1b 1c* | *Tfal tal-Impjegati u Aħwa* | 2 |
| *1b 1f* | *Tfal tal-Impjegati u qegħdin fi skola tal-Knisja bla kontinwità* | 1 |
| *1ċ* | *Aħwa* | 83 |
| *1ċ 1f* | *Aħwa li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 10 |
| *1f* | *Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 36 |
| *1ġ* | *Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 9 |
| ***Total*** | | **174** |

Irċevejna żewġ applikazzjonijiet tal-Aħwa għal skejjel li bħalissa ma għandhomx postijiet vakanti. Jekk jinħoloq post vakanti fl-iskola rilevanti dawn l-applikanti jinkitbu fiha. Dawn mhux inklużi fit-tabella t'hawn fuq.

## Subien tal-Ewwel Sena Primarja li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti n-numru ta' postijiet offruti għas-subien li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 23 post. Żidna post fl-iskola ta' St Francis Bormla wara li ġie konkluż it-transfer ta' tfal mill-kindergartens ta' St. Francis għall-Primarji ta' St. Francis. F' żewġ skejjel partikulari kien hemm tlett applikanti li għandhom bżonn l-għajnuna tal-L.S.E. aktar milli kien hemm postijiet offruti. Fi skola minnhom dawn tnaqsu mill-postijiet offruti għal Każijiet Soċjali u tal-Ażil, waqt li fl-iskola l-oħra żdied post mill-mainstream. Għalhekk it-total ta' postijiet bis-sapport huwa ta' 27 (23+1+3=27) post.

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa:**

| | | |
|---|---|---|
| *1b* | *Tfal tal-Impjegati fl-istess skola* | 3 |
| *1b 1f* | *Tfal tal-Impjegati u qegħdin fi skola tal-Knisja bla kontinwità* | 2 |
| *1ċ* | *Aħwa* | 10 |
| *1ċ 1f* | *Aħwa li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 3 |
| *1f* | *Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 6 |
| *1g* | *Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 2 |
| ***Total*** | | **26** |

Irċevejna ukoll applikazzjoni taħt il-Każijiet Soċjali.

**Bniet tal-Ewwel Sena Primarja Mainstream**

Skont Ir-Regolamenti n-numru ta' postijiet vakanti mainstream huwa ta' 207. Ninfurmawkom li wara li ġie konkluż it-transfer ta' tfal mill-Kindergartens ta' St. Francis għall-Primarji ta' St. Francis jirriżulta li għandna tlieta u għoxrin (23) post vakanti fil-primarji ta' St. Francis ta' Bormla u tal-Imsida. Żdied post minn tas-subien sabiex tifla tkun tista' tattendi l-iskola ta' ħutha. Skola naqset post minn dawk li offriet. B'dawn l-aġġustamenti t-total ta' postijiet vakanti huwa ta' 230 (207+23+1-1=230) post.

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| ***Kriterju*** | | **Applikanti** |
|---|---|---|
| *1a* | *Tfal mid-Djar tal-Knisja* | 1 |
| *1b* | *Tfal tal-Impjegati fl-istess skola* | 9 |
| *1b 1f* | *Tfal tal-Impjegati fl-istess skola u li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 1 |
| *1b 1g* | *Tfal tal-Impjegati fl-istess skola li m'għandix postijiet vakanti* | 1 |
| *1ċ* | *Aħwa* | 38 |
| *1ċ 1f* | *Aħwa li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 5 |
| *1ċ 1ġ* | *Aħwa tal-Impjegati fi skola oħra* | 1 |
| *1f* | *Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 44 |
| *1ġ* | *Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 5 |
| ***Total*** | | **105** |

Irċevejna applikazzjoni tal-Aħwa għal skola li bħalissa ma għandhix post vakanti. Jekk jinħoloq post vakanti fl-iskola rilevanti din l-applikanta tinkiteb fiha. Din mhux inkluża fit-tabella t'hawn fuq.

Ħames applikanti talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1d. Dawn ma jitnaqqsux mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li se jokkupaw post fi skola se jħallu post vakanti fl-iskola fejn jattendu. Post mainstream inbidel f'każ bis-sapport.

**Segretarjat Edukazzjoni Nisranija**
30, Binja Josmar,
Triq Idmejda,
Ħal Balzan, BZN 1521

Tel: 22039360
Email: info@csm.edu.mt
www.csm.edu.mt

**Bniet tal-Ewwel Sena Primarja li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.**

Skont ir-Regolamenti, n-numru ta' postijiet offruti għal bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 9 postijiet.

Wara li ġie konkluż it-transfer ta' tfal mill-Kindergartens ta' St. Francis għall-Primarji ta' St. Francis jirriżulta li għandna żewġ (2) postijiet vakanti fil-primarja ta' St. Francis ta' Bormla. Għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jinbidel għal-11 (9+2=11).

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa:**

| | |
|---|---|
| *1ċ Aħwa* | 2 |
| *1f Tfal minn skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 3 |
| *1ġ Tfal ta' Impjegati fi Skola Oħra* | 1 |
| ***Total*** | **6** |

Irċevejna applikazzjoni għal transfer bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1d. Dan ma jitnaqasx mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li se tokkupa post fi skola se tħalli post vakanti fl-iskola fejn tattendi. Però dan il-każ inbidel minn każ mainstream għal każ bis-sapport.

**Konklużjoni**

Ser jiltlaqgħu applikazzjonijiet għas-subien u għal bniet: mainstream, dawk li għandhom bżonn is-sapport, Każijiet Soċjali u tal-Ażil.

Aktar informazzjoni tinsab fir-Regolamenti tad-Dħul. Lista bl-applikanti tal-ewwel kriterju, li qed nirreferu għalihom f'din iċ-ċirkulari, tiġi ppublikata fil-ġimgħat li ġejjin fil-paġna tal-iskejjel tal-Knisja f'www.knisja.mt.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw fi snin oħra tad-dħul. Għalhekk jekk ikun hemm post vakanti dawn jingħataw preċedenza skont ir-Regolamenti (3.1). Jekk ħuthom ikunu applikaw f'livelli ogħla u nkitbu fi skola, iż-żgħar ikunu jistgħu jinkitbu fl-iskola ta' ħuthom. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **27 ta' Jannar 2023**